# Emvin Cremona

## *mitt sena minn twelidu*

**Minn Dun Julian Cassar**

Din is-sena hija l-mitt anniversarju mit-twelid ta' Emvin Cremona, wieħed mill-aqwa artisti Maltin tas-seklu għoxrin. Emvin, iben Joseph u Maria Assunta née Mizzi twieled nhar is-27 ta' Mejju 1919. Qatta' tfulitu fil-Belt Valletta, sakemm flimkien mal-familja tiegħu marru joqogħdu l-Ħamrun. Il-karriera artistika tiegħu bdiet fl-Iskola tal-Arti fejn kien jistudja ma' artisti oħra fosthom Victor Diacono, Anton Inglott, Esprit Barthet, Willie Apap u Carmelo Borg Pisani.

Emvin iżżewweġ lil Lilian Gatt nhar is-26 ta' Diċembru tal-1948, fil-Knisja ta' San Girgor, Tas-Sliema. Huma kellhom erbat itfal, Mario, Anna, Sylvana u Nadia. Bħal ħafna artisti sħabu oħra Emvin mar Ruma għal kors ta' studju mmexxi minn Carlo Siviero fir-Regia Accademia di Belle Arte bejn l-1938 u l-1940. Flimkien mal-ħabib kbir tiegħu, Anton Inglott, Emvin wasal lura Malta qabel bdiet il-gwerra. Wara l-gwerra huwa mar ikompli jistudja l-arti f'Londra u Pariġi. Bejn l-1945 u l-1947 huwa studja l-ewwel fi Slade School of Fine Arts u wara kompla fl-École Superieur de Beaux Arts taħt il-Professur Jean Dupas. Emvin reġa' ġie lura Malta fl-1948.


Emvin Cremona

Il-ħabib tiegħu Inglott miet għal għarrieda fl-1945. Minħabba li l-istil tiegħu kien jixbah ħafna lil dak ta' Inglott, Emvin kien mitlub ikompli minfloku l-pittura tas-saqaf tal-Knisja ta' San Ġużepp fl-Imsida fejn Inglott kien għadu kif spiċċa l-pittura tal-mewt ta' San Ġużepp fl-abside. Wara, kompla jaħdem fiż-Żebbuġ, Għawdex u fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet pitter is-safaq tal-Knisja ta' Ħal Għaxaq. Wara mbagħad pitter is-soqfa tal-knejjes Parrokkjali tal-Furjana u l-Ħamrun. Xogħlijiet oħra tiegħu jinsabu fil-knejjes ta' Burmarrad, Ħal Balzan, l-Isla, f'Santu Wistin u San Pawl tal-Belt kif ukoll f'San Franġisk ta' Birkirkara, fil-Lunzjata tal-Birgu u fil-Madonna ta' Lourdes fir-Raħal Ġdid. Dan minbarra xogħlijiet oħra tiegħu li qegħdin fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Headquarters tal-Kummissjoni Emigranti, Farsons, fl-Istitut Kattoliku u saħansitra fil-bini tan-Nazzjonijiet Magħquda.

Emvin Cremona ddisinja 62 sett ta' bolli li fihom aktar minn 170 disinn oriġinali, u ddisinja wkoll għadd ta' First Day Covers.

Beda dan ix-xogħol fl-1957 u kompla għaddej sal-1980, snin li jistgħu tabilħaqq jitqiesu bħala 'l-perjodu tad-deheb tal-Filatelija Maltija.' Wieħed mill-ewwel xogħlijiet notevoli tiegħu kien is-sett ta' bolli li jikkommemoraw id-19-il ċentinarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Disinji kbar li għamel għal din l-okkażjoni llum jinsabu fl-Istitut Kattoliku.

Fis-sebgħinijiet, meta kien fl-aqwa tal-karriera artistika tiegħu, Emvin Cremona pitter is-saqaf tal-Knisja ta' San Publju fil-Furjana. Hawnhekk jidher tajjeb ferm l-istil tiegħu fil-figuri tawwalin u l-kuluri vivaċi. Fit-taqsimiet ewlenin kważi dejjem naraw lil San Pawl u lil San Publju; b'hekk ifisser l-idea li l-Missier tagħna fil-Fidi qed jafda t-tmexxija tal-ewwel komunità Nisranija Maltija f'idejn l-ewwel isqof tagħna.

Matul is-saqaf hemm spazji trijangulari li huma ddekorati b'figuri bibliċi. Fl-erba' lunetti tal-koppla prinċipali naraw erbgħa mill-missirijiet tal-Knisja: San Girgor, San Ġwann Kriżostmu, San Ambroġ u l-Venerabbli Beda. Fl-abside naraw xbieha maestuża ta' San Publju qed

jiġi meħud fil-glorja fost xbihat li għandhom konnessjoni ma' Malta.

Emvin iddisinja wkoll żewġ statwi: waħda tal-Immakulata Kunċizzjoni għall-Parroċċa tal-Ibraġ u l-oħra ta' San Ġużepp Ħaddiem għall-Parroċċa tiegħu stess ġewwa Birkirkara. Dawn iż-żewġ statwi nħadmu mid-ditti Ortisei fl-Italja. Hu ddisinja wkoll diversi xogħlijiet fil-ferro-battuto li mbagħad inħadmu minn Salvu Borg tan-Naxxar. Dawn ix-xogħlijiet jinstabu fid-Dar tal-Irtiri ta' San Ġużepp f'Tarġa Gap, fil-British Hotel, il-Belt u l-bieb ewlieni tal-Knisja tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb f'Paceville. Huwa ddisinja wkoll ix-xbieha ta' San Pawl fil-ferro-battuto għall-Festi ċentinarji tan-Nawfraġju ta' San Pawl; din tinsab fl-Istitut Kattoliku. Imbagħad f'għadd ta' kollezzjonijiet privati wieħed isib għadd ta' disinji li hu pitter bil-linka.



L-għadd ta' xogħlijiet ta' Emvin matul il-karriera tiegħu, huwa tassew impressjonanti. Ħafna mill-knejjes Parrokkjali tagħna kif ukoll għadd ta' knejjes żgħar u kappelli jħossuhom kburin li għandhom xi xogħol tiegħu. Sfortunatament, Emvin kellu attakk ta' puplesija u minħabba f'hekk ma setax ikompli l-ħidma artistika tiegħu għalkemm f'dan iż-żmien pitter erba' disinji sempliċi għall-erbat itfal tiegħu b'idu x-xellugija.

Emvin għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar id-29 ta' Jannar 1987. Jixraq li din is-sena, fl-għeluq tal-mitt sena mit-twelid tiegħu aħna nonoraw it-tifkira tiegħu.




